DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Novembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/366/UE li tistabbilixxi lista ta' programmi ta' kooperazzjoni u tindika l-ammont globali tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għal kull programm taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2014–2020

(notifikata bid-dokument C(2014) 8423)

(2014/805/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat għall-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment stabbilit bl-Artikolu 150(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 [2],

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/366/UE [3], skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, il-Kummissjoni stabbiliet il-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4], iżda kienet għadha mhijiex f'pożizzjoni li tindika wkoll il-kontribuzzjoni mill-FEŻR lil programmi transfruntiera u dawk tal-baċini tal-baħar taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5].

(2) Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, il-kontribuzzjoni mill-FEŻR lil programmi transfruntiera u dawk tal-baċini tal-baħar taħt l-ENI għal kull Stat Membru għandha tingħata bil-kundizzjoni li mill-inqas ammonti ekwivalenti jiġu pprovduti mill-ENI.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/366/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

---

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.
[2] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/366/UE tas-16 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi lista ta' programmi ta' kooperazzjoni u tindika l-ammont globali tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għal kull programm taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 178, 18.6.2014, p. 18).
[4] Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 11).
[5] Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/366/UE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 4a*

Il-kontribuzzjoni mill-FEŻR għall-programmi transfruntiera u tal-baċini tal-baħar taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 232/2014 għal kull Stat Membru tkun kif stabbilita fl-Anness V".

(2) It-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament huwa miżjud bħala l-Anness V.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Corina CRETU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS V

Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal programmi transfruntiera u tal-baċini tal-baħar taħt l-ENI għal ċerti Stati Membri

(EUR, prezzijiet kurrenti)

Stati Membri	Trasferiment lill-ENI
Il-Bulgarija	3 244 476
L-Estonja	10 230 000
Il-Greċja	9 471 678
Spanja	117 620 933
Franza	12 200 000
L-Italja	81 539 000
Ċipru	500 000
Il-Latvja	26 100 000
Il-Litwanja	50 000 000
L-Ungerija	22 976 000
Malta	1 000 000
Il-Polonja	135 800 000
Il-Portugall	743 294
Ir-Rumanija	88 000 000
Is-Slovakkja	6 000 000
Il-Finlandja	60 000 000
L-Isvezja	9 000 000
TOTAL	**634 425 381**"